MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2002

Talba Numru. 966/2002/1

**Borg & Aquilina Ltd**

**Vs**

**Franco Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u erbgha u sittin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm364.72), bilanc minn prezz ta' merkanzija konsistenti f'prodotti tal-ikel mibjugha u kkonsenjati lilu mill-istess kumpannija attrici fuq ordni tieghu stess.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Michelle Pace in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u erbgha u sittin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm364.72), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**